# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Kaz Numru 2919 ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**il-General Workers' Union**

**u**

**l-Korporazzjoni Enemalta**

**dwar rizultat ta' sospensjoni ta' haddiema minn xogholhom wara li hadu sehem f'azzjonijiet industrijali ordnati mill-GWU ghat-termini tal-ftehim kollettiv vigenti bejn il-partijiet, ghal-liema zmien ta' sospensjoni, sa llum, l-istess haddiema ghadhom ma thallsux.**

1. **Dahla**

   Nhar l-Erbgha 20.07.11 fil-bidu tal-ewwel seduta c-Chairman gharraf lill-partijiet bil-miktub dwar il-parir kongunt li kien ta lill-Korporazzjoni Enemalta dwar l-istess tilwima, u stieden lill-Avukati in rapprezentanza tal-partijiet biex jaghmlu sottomissjonijiet dwar id-dokumentipprezentat fid-dawl ta' l-artiklu 734 (1) (d) (ii) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Verbali tal-partijiet**

   2.1 "L-Avukat Andrew Borg Cardona, ghall-kumpanija intimata, fil-waqt li esprima kull fiducja fl-integrita` u fil-kapacita' tal-persuna li tokkupa s-sedja f'dan il-kaz, umilment jitlob ir-rikuza tal-persuna minhabba li jkun fl-ahjar interess tal-gustizzja li jaghmel hekk.

   2.2 "L-Avukata Joanne Vella Cuschieri ghall-General Workers' Union, waqt li tikkondividi dak li vverbalizza l-Avukat Andrew Borg Cardona dwar ic-Chairman personalment, fic-cirkustanzi ma tistax hlief taqbel mas-sottomissjoni li saret, u dan biex il-gustizzja mhux biss issir, izda biex tidher ukoll li qieghda ssir."

3. **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

It-Tribunal Industrijali:

3.1 ra l-verbali tal-partijiet.

3.2 ghamel riferenza ghall-Artiklu 734 sub-artikli (1) d (ii) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3.3 ha nota tal-kummenti addizzjonali, kif ukoll tal-kliem ta' fiducja rigwardanti l-integrita` u l-kapacita` tac-Chairman, li jidhru fil-verbali tal-istess zewg Avukati.

**4. Digriet**

It-Tribunal Industrijali kkonkluda li jkun fl-ahjar interess tal-gustizzja li jilqa' t-talba kongunta tal-Avukati Andrew Borg Cardona f'isem il-kumpanija intimata u Joanne Vella Cuschieri f'isem il-General Workers' Union, u ddecieda li jirrikuza lilu nnifsu u jirrimetti l-kaz lis-Segretarju tat-Tribunal Industrijali biex jallokah skond il-ligi.

| ________________ | ____________________ | _________________ |
|---|---|---|
| A. DEGIOVANNI | A. AGIUS | L. DEBONO |
| Chairman | Membru | Membru |